



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' April 2022  
(OR. en)

6709/22

LIMITE

CORLX 206  
CFSP/PESC 289  
CSDP/PSDC 102  
CIVCOM 31  
FIN 268  
EUAM IRAQ 6  
CSC 71

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869  
dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea  
b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq  
(EUAM Iraq)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869<sup>1</sup>, li tistabbilixxi Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq).
- (2) Fis-7 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/513<sup>2</sup>, li temenda l-mandat tal-EUAM Iraq u li testendih sat-30 ta' April 2022.
- (3) Wara r-Rieżami Strateġiku tal-EUAM Iraq, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) irrakkomanda li l-mandat tal-EUAM Iraq jiġi emendat u estiż sat-30 ta' April 2024.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 tiġi emendata skont dan.
- (5) L-EUAM Iraq ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-obiettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/513 tas-7 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 38).

## *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

*Objettivi*

L-objettivi strateġiċi tal-EUAM Iraq għandhom ikunu li:

- (1) tipprovdi pariri strateġiċi u għarfien espert lill-awtoritajiet Iraqin dwar l-aspetti ċivili tar-Riformi tas-Settur tas-Sigurtà, inkluż l-Istrateġija ta' Sigurtà Nazzjonali, l-istrateġiji nazzjonali assoċjati u prijoritajiet oħra ta' sigurtà nazzjonali;
- (2) tanalizza, tivvaluta u tidentifika opportunitajiet għal impenn ulterjuri min-naħa tal-Unjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u provinċjali b'appoġġ għall-ħtiġijiet tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà ċivili;
- (3) flimkien mad-Delegazzjoni tal-Unjoni, tinforma u tiffaċilita l-appoġġ tal-Unjoni u l-Istati Membri għall-ippjanar u l-implimentazzjoni fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà ċivili, biex tiġi żgurata koerenza fl-azzjoni tal-Unjoni.";

(2) fl-Artikolu 14(1), , jiżdied dan li ġej wara t-tielet sentenza:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Iraq għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2022 sat-30 ta' April 2024 għandu jkun ta' EUR 70 056 766,51";

(3) fl-Artikolu 17, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sat-30 ta' April 2024.".

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---